MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-19 ta' April, 2015

Numru. 374/2015

**Il-Pulizija**

**(Spt. Elton Taliana)**

**vs**

**Domenico Ricciardi**

**Lucio Mogavero**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Domenico Ricciardi** detentur I.D. A.T. 5346094 u **Lucio Mogavero** detentur tal-karta tal-identita' Taliana SA5633819U

Akkuzati talli nhar it-18 t'April, 2015 ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' filghodu gewwa Triq San Gorg, San Giljan:-

1. Ikkomettew serq ta' handbag u diversi oggetti ohra, liema serq ikun izjed minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centemzu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), liema serq huwa ikkwalifikat bil-'valur' u bil-'hin', ghad-dannu ta' Ivana Georgieva;

2. F'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, instabu fis-sakra b'mod li ma kienux jafu jiehdu hsieb taghhom innifishom;

3. Lil **Lucio Mogaveno** wahdu nakkuzah talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma (mus) minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif minnhom registrata fl-ewwel seduta u konfermata wara li inghataw zmien sufficjenti biex il-Qorti tkun zgura li huma fehmu l-akkuzi u l-pieni marbuta maghhom;

Rat l-atti tal-kawza u stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk qed issib lill-imputati hatja tal-akkuzi dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli 261(c) u (f), 267, 270, 279 u 280(1), 338 (ff) u tal-Kapitolu 9; artikoli 6 u 51(7) tal-Kap 480 tal-ligijiet ta' Malta;

Rat il-fedina penali tal-imputati;

Rat illi l-imputati obbligaw ruhhom li jindenizzaw lill-vittma fis-somma ta' €250 fi zmien jumejn mil-lum;

Titratta mal-imputati bil-mod segwenti:

Fil-konfront ta' Domenico Ricciardi kwantu l-ewwel akkuza, tilliberah bil-kondizzjoni ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sitt xhur mil-lum skond l-artikiolu 22 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta u kwantu t-tieni akkuza tikkundannah ghal-hlas ta' ammenda ta' €50;

Fil-konfront ta' Lucio Mogavero Ricciardi kwantu l-ewwel akkuza, tilliberah bil-kondizzjoni ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sitt xhur mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta; kwantu t-tieni akkuza tikkundannah ghal-hlas ta' ammenda ta' €50 u kwantu t-tielet akkuza tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' €200.

Il-Qorti spjegat lill-imputati l-obbligi taghhom naxxenti minn din is-sentenza.

Stante illi l-prosekuzzjoni ma kellhiex il-kunsens tal-avukat generali sabiex din il-kawza tkun trattata u deciza bil-procedura sommarja tordna li l-atti jintbghatu lill-avukat generali fi zmien li trid il-ligi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------